**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 608/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-Vs-**

**JONATHAN CAMILLERI**
**(I.D. 59184M)**

**Illum, 25 ta' Gunju, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi **JONATHAN CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita numru 59184M, tressaq quddiemha[1] akkuzat illi nhar it-12 ta' April, 2018, ghall-habta ta' 07:30hrs gewwa ż-Żurrieq u/jew f' postijiet oħra fil-gżejjer Maltin:-

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew jqiegħed il-ħajja f' periklu ċar ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmel Grixti, liema persuna għalqet is-sittin sena (Artikolu 222A (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

[1] Fis-27 ta' Marzu 2019, l-imputat gie mixli bl-imputazzjonijiet fic-Citazzjoni Dok. RA, fol. 97, li gew addebitati in sostituzzjoni tal-imputazzjonijiet li orginarjament gie mixli bihom skont ic-Citazzjoni a fol. 1 li kienet gietipprezentata fil-25 ta' Settembru 2018.

skond kif iċċertifika Dr. Marilyn Baldacchino (MD Reġ. No: 3556) mid-dipartiment tas-Saħħa tal-Mosta.

2. Ingurja, hedded b'mod mhux imsemmi banda'ohra f'dan il-kodici jew jekk ipporovka, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni lil Carmel Grixti;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokument kollha esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tat-22 ta' Ottubru, 2019 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti skont is-segwenti artikoli indikati mill-istess Avukat Generali[2]:-

1.Fl-artikoli 214, 215, 216, 218, 222A tal-Kodici Kriminali;
2.Fl-artikoli 339(e) tal-Kodici Kriminali;
3.Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kodici Kriminali;
4.Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2019[3] l-imputat fil-prezenza tad-difensur tieghu, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar 2020;

---

[2] Fol. 165.
[3] Fol. 166.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan il-kaz jikkoncerna inċident li seħħ fit-12 ta' April 2018 meta l-imputat u l-parti leża, Carmel Grixti ikkonfrontaw lil xulxin wara skontru li sehh bejniethom ftit qabel fi Triq Wied Babu Zurrieq filwaqt li l-imputat kien qed jigri fit-triq u l-parti leza kien qed isuq il-vettura tieghu. Ftit wara dan l-iskontru fi Triq Wied Babu, il-partijiet regghu inzertaw lil xulxin waqt li l-imputat kien qieghed fi Triq il-Barrieri, iz-Zurrieq u l-parti leza kien fit-triq ta' tahtha, u argomentaw bejniethom fit-tarag li jniffed lil dawn iz-zewg toroq. L-imputat jinsab akkużat li fost oħrajn ikkawża lill-parti leża ferita ta' natura gravi wara illi allegatament, l-istess parti leza waqa' t-tarag wara li gie imbottat mill-imputat.

Il-*parte civile* **Carmel Grixti** xehed nhar it-22 ta' Novembru 2018 fejn spjega illi fit-12 ta' April, 2018 ghall-habta tas-7.30 a.m., huwa kien niezel bil-karozza mill-ghalqa tieghu li qeghda fi Triq il-Barrieri, fiz-Zurrieq, u kien fi triqtu lejn il-garaxx tieghu fi Triq John Ferri fiz-Zurrieq stess. Kif gie biex idur ghal Misrah il-Karmelitani, xeghel l-*indicator* u sab *coach* tal-istudenti timblokka t-triq bil-konsegwenza li ma setaz idur u ghalhekk waqaf biswit il-parti ta' wara tal-*coach*. Carmel Grixti kompla jghid illi meta kien wieqaf innota lill-imputat jigri (jogging) fit-triq u meta dan tal-ahhar dar mal-coach, huwa sab il-karozza tieghu u prattikament dahal gol-bieba. Qal illi l-imputat ipprova jdur mal karozza izda sab jogger iehor ma' wiccu u kwazi habtu f'xulxin.

Carmel Grixti qal ukoll li meta l-imputat qabez lill-vettura tieghu, mar min-naha l-ohra u beda jiggestikola b'idejh u jghidlu xi kliem u f'dan l-istadju, huwa daqq il-horn. Hekk kif saq il-kowc, huwa seta' jghaddi ghal Triq il-Mizieb sakemm gie biex idur ghall-garaxx tieghu, u daqq il-horn ghaliex hemmhekk blind corner. Dak il-hin, ra lill-imputat fit-triq ta' fuq, jistenna hdejn it-tarag li

jghaqqad iz-zewg toroq u jaghmillu mossi b'idejh. Ix-xhud qal li hu waqqaf il-karozza u nizel jistaqsi lill-imputat xi jrid u fil-waqt li hu beda tiela' t-tarag, l-imputat ukoll beda niezel it-tarag.

Carmel Grixti xehed hekk dwar id-dinamika tal-kollutazzjoni li sehhet dak il-hin:-

"*Jien inżilt min ġol karozza u hu beda nieżel it-taraġ u beda jerġa jgħidli ċertu affarijiet, joffendini kien qiegħed…… tlajt it-taraġ bħal ma hu beda nieżel…. Qagħad idawwar idejħ bil-ponn quddiem wiċċi tajjeb u tieni, x' ħin jien qiegħed nilqalu, qiegħed ngħidlu tmissnix, dan ħasadni u mbuttanti…… mbuttani mit-taraġ għal isfel…. Ma nafx kif irnexxieli ndur għax kont niġi għal dari u rasi u fuq taraġ tal-konkos, min jaf kif kont nispiċċa imma spiċċajt ħbat idejja, ħbat kopti, ħbat spallejja ma l-art.*"[4]

L-imputat **Jonathan Camilleri** xehed[5] fit-12 ta' Dicembru, 2019 fejn qal illi fit-12 ta' April 2018 filghodu kien hareg ghal girja mar-rahal kif jaghmel regolari u waqt li kien tiela' minn Triq Wied Babu, Zurrieq, kif wasal f'Misrah il-Barrieri fejn hemm *service road*, ra li fuq il-lemin tieghu kien hemm xarabank li kien qieghed jghabbi t-tfal tal-iskola. Kif kien qisu metru 'l boghod ra karozza niezla min-naha opposta tieghu u kien ha jdur ghal fejn ix-xarabank biex jidhol ghas-service road. Hu nhasad u waqaf ghax haseb illi l-karozza kienet ha tibqa' sejra pero` fil-fatt waqfet. Huwa ghamel sinjal b'idejh lix-xufier pero` ma qallu xejn. Hu nnota wkoll dak il-hin illi kien gej ragel iehor jigri min-naha opposta tieghu. L-imputat dahal fi Triq il-Barrieri wara li qabez il-bokka tas-*service road*. Jghid li ftit metri 'l quddiem hemm kisra fuq il-lemin li taghti ghal Triq il-Barrieri u qabad din it-triq. Kompla jigri u sema' hoss ta' xi horn. Baqa' sejjer, tela' fi triq ohra li tigi parallela mat-triq li hi l-bokka tas-*service road*.

Ikompli jgħid li t-triq li kien fiha kienet fl-livell oghla mill-ohra, daqs xi sular u hemm access bejn iz-zewg toroq permezz ta' tarag. Jgħid li waqt li kien qiegħed jigri fi Triq il-Barrieri baqa' jisma' hafna tpaqpiq, izda f' hin minnhom

---

[4] Parte Civile Carmel Grixti a fol 22 *et seq*
[5] Fol. 168 et seq.

sema' horn vicin tieghu u meta hares, sab l-istess karozza li kien raha qabel diehla fis-service road, u ra x-xufier jaghmel mossi b'idejh. Spjega illi x-xufier kien qed isuq bil-mod, gej fid-direzzjoni tieghu izda minkejja dan, huwa baqa' dejjem fit-triq ta' fuq. L-imputat indika b'salib fuq ir-ritratt Dok. JC1[6], il-pozizzjoni fejn kien jinsab u indika wkoll il-lok fejn waqfet il-karozza, b'cirku fuq l-istess ritratt. L-imputat kompla jgħid li kif ix-xufier hareg mill-karozza (wara li halla l-bieba miftuha) l-imputat staqsih iridx xi haga u l-iehor beda joffendih. L-imputat jghid li huwa wiegeb hekk: "*toffendini wara li kont ghoddok tajjartni*" izda l-iehor baqa' joffendih u beda tiela' t-tarag, jinsisti li ma tajjarhomx. Meta wasal fl-ahhar zewg targiet, dan ir-ragel beda jerfa' jdejh u jersaq aktar lejh u kif rah gej bil-ponn: "*jiena lqajt b'idejja…. At a point kien hemm kuntatt u naf li dan ir-ragel waqa' mbaghad u spicca isfel nett jigifieri…*"

Mistoqsi kienx imbotta lill-parti leża, l-imputat wiegeb hekk:-
"*Jista jkun forsi li fl-eċitament tas-sitwazzjoni, l-fatt li naf li ġejna f' kuntatt b' xi mod u dan ir-raġel waqa' għal isfel, forsi jiena konvinċejt lili nnifsi li fil-verita` kont imbuttajtu, imma fil-veirta' jiena ddifendejt lili nnifsi.*"[7]

L-imputat zied jghid li wara illi l-parti leza qam minn mal-art, rega' gie ghalih b'papocc f'idu biex jaghtih bih u f'dan il-waqt, giet terza persuna[8] li ppruvat izzomm lill-parti leza u tikkalma s-sitwazzjoni. L-imputat qal li huwa baqa' sejjer l-Għassa sabiex jirrapporta dan l-inċident. Sussegwentement, huwa qal illi l-parti leza kien effettivament messu bil-papocc u laqtu f'ghonqu u spalltu naha tax-xellug.

Ikkunsidrat;

Hawnhekk il-Qorti tqis li huwa opportun li tosserva illi ghalkemm l-imputat xehed illi wara li waqa' t-tarag, il-parti leza rega' beda tiela' t-tarag b'papocc

---

[6] Fol. 179.
[7] Xhieda tal-imputat a fol 176
[8] Jirrizulta li din it-terza persuna hija x-xhud Marcel Attard Baldacchino.

f'idu, din il-verzjoni ma gietx korroborata mix-xhud Marcel Attard Baldacchino[9]. Dan ix-xhud xehed illi huwa sema' ilhna gholjin u kif tela' fit-triq biex jara min kien qed jilletika, ra lil Carmel Grixti qieghed iqum minn mal-art u huwa ghenu biex iqum. Xehed illi dak il-hin l-imputat qallu diversi drabi biex ma jindahalx u qal ukoll illi Grixti kien irrabjat ghall-imputat u ghajru. Dan ix-xhud ikkontradixxa wkoll il-verzjoni tal-imputat illi l-parti leza halla l-bieba tal-vettura tieghu miftuha meta hareg ghalih, ghaliex huwa qal li meta ra l-vettura ta' Grixti wieqfa fin-nofs tat-triq, il-bibien kollha tal-vettura kienu maghluqin[10].

Ikkunsidrat;

Mill-analiżi ta' dawn il-verzjonijiet il-Qorti ftit ghandha dubju u hija moralment konvinta illi l-parti leza tgerbeb it-tarag ghaliex effettivament, l-imputat imbottah. Ma ghandha l-ebda dubju lanqas illi l-griehi li soffra l-parti leza meta waqa', gew ikkagunati bhala konsegwenza diretta ta' din l-azzjoni tal-imputat, kellux jew le il-hsieb li jikkaguna xi griehi lill-parti leza. Tqis ukoll illi hija pjuttost pwerili l-asserzjoni ta' l-imputat li ghalkemm huwa kkonvinċa lilu nnifsu li kien imbotta lill-parti leza, fil-verita` huwa ddefenda ruhu kontra l-aggressjoni murija mill-parti leza. Il-Qorti semghet lill-imputat jiddeponi, u ghall-kuntrarju, tqis li hu evidenti li l-imputat ghad li huwa ben konxju tal-fatt li imbotta lill-parti leza, ikkonvinca ruhu li huwa agixxa biex jiddefendi ruhu.

Fil-fatt, id-difiza, fit-trattazzjoni orali, qajmet l-iskużanti tal-*legittima difesa* kif kontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kap. 9. Fir-rigward, sostniet illi wara l-iskontru fi Triq Wied Babu, il-parti leza baqa' jpaqpaq ripetutament u ftit toroq 'il boghod, waqqaf il-vettura tieghu, hareg u beda tiela' t-tarag fejn kien l-imputat, evidentement bl-intiza li jaffrontah. Kemm hu hekk, gie sottomess mid-difiza

[9] Xhieda tat-22 ta' Novembru 2018.
[10] Fol. 47.

illi l-imputat kellu jilqa' ghall-parti leza b'idejh, bil-konsegwenza li tgerbeb it-tarag.

Hu ovvju li galadarba li l-imputat jiddefendi l-agir tieghu bl-iskuzanti tal-legittima difiza, huwa qieghed jirrikonoxxi li l-parti leza tgerbeb it-tarag u wegga', bhala konsegwenza tal-fatt li huwa agixxa, fi kliemu stess, billi "... *lqajt b'idejja... kien hemm kuntatt u naf li dan ir-ragel waqa' mbaghad u spicca isfel nett ..."*

Illi in propositu tal-iskriminanti tal-legittima difiza, il-Qorti sejra taghmel referenza ampja ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Zachary Vella**[11] fejn din it-tema giet trattata b'mod ezawrjenti abbazi tal-insenjament pacifiku in materja:-

"*Issa:-*

*'biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalinqas fuq bazi ta' probabilita', li l-appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli ...'*[12]

*Illi skont il-mibki Professur Sir Anthony Mamo sabiex din id-difiża tkun tista' tiġi ravviżata huwa essenzjali li l-periklu attwali jkun wieħed kontra l-liġi (unjust), gravi u inevitabbli, u dan apparti l-proporzjonalita' rikjesta tar-ritaljazzjoni mill-attakk fuq il-persuna li tkun qed tiddefendi ruħha. Għal dak li jirrigwarda l-gravita', Mamo jikkjarifika li din tissusisti meta:*

'*the act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed, would have inflicted upon the person 'irreparable' evil; and the law considers as 'irreparable' and consequently grave, the evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual'.*

*Kwindi huwa evidenti li sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat għal dak li jirrigwarda dan l-element, din trid tkun ta' ċertu portata* ***u ta' daqstant periklu****. In oltre l-azzjoni kontra min qed jiddefendi lilu nnifsu trid tkun tammonta għal reat vjolenti jew li jseħħ f'tali ċirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew sigurta' personali ta' dak li jkun jew ħaddieħor.*

[11] Deciza 3 ta' Mejju 2019.

[12] **Il-Pulizija vs Anthony Micallef** deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-30 ta' April 2009.

*Illi fir-rigward tal-inevitabbilta' Mamo jispjega dan l-element b'mod ċar billi jgħid illi l-akkużat irid jipprova illi '***the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided' u li kwindi tissusisti jekk il-periklu in kwistjoni jkun immedjat (sudden), attwali u assolut***. Għal dak li jirrigwarda l-attwalita', Mamo jgħid illi 'if it (il-periklu) had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence', filwaqt li rigward l-assolut jgħid illi l-periklu jrid ikun tali illi fil-mument tagħha 'it could not be averted by other means'.*

*In oltre fis-sentenza fl-ismijiet* **Repubblika ta' Malta vs Dominic Briffa** *il-Qorti stqarret ukoll illi:*

*'l-mod kif il-kwistjoni ta' l-inevitabilita' tal-perikolu jew minaċċja għandha tiġi affrontata hu li wieħed jistaqsi:* ***l-aġent (ossia l-aggredit) seta', tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, raġġonevolment jevita' dak il-perikolu jew dik il-minaċċja? Jekk il-buon sens jiddetta li l-aġent seta', billi jagħmel manuvra jew pass f'direzzjoni jew oħra, jew anki billi sempliċiment ma jiċċaqlaqx, faċilment jevita l-periklu jew minaċċja li kien qed jara fil-konfront tiegħu, allura jekk ma jagħmilx hekk jiġi nieqes l-element tal-inevitabbilta' tal-periklu jew minaċċja***. *Jekk pero mill-banda l-oħra tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, il-buon sens jiddetta li l-aġent ma kellu jagħmel xejn minn dan, jew, anzi, kellu jibqa' għaddej fit-triq li twasslu aktar qrib dak il-perikolu jew dik il-minaċċja, allura b'daqshekk ma jiġix nieqes l-element ta' l-inevitabilita'.*

*Illi huwa mportanti li, sabiex jiġi determinat jekk din id-difiża tissusistix minn min irid jiġġudika dwar il-fatti, irid jiġi applikat it-test soġġettiv."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Toni Micallef**[13], il-Qorti ghamlet referenza ghal-ligi Skocciza u ghad-decizjoni fil-kaz **HM Advocate vs Kizileviczius** fejn intqal hekk:-

*"To reach the first result, that is to say the result of complete acquittal, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping from the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

[13] Vol XXIX.IV.734, deciza 16 ta' Ottubru 1937.

Ikkunsidrat;

Illi applikati l-prinċipji fuq enuċjati għall-każ *de quo,* din il-Qorti ma hijiex ta' l-opinjoni li għandha tapplika l-iskriminanti tal-leġittima difesa u dan għas-sewenti raġunijiet.

Ma jirriżultax li kien hemm kuntatt fiżiku bejn il-parti leża u l-imputat qabel il-parti leża ġiet imbuttata t-taraġ. Huwa minnu li l-parti leza hareg mill-vettura u tela' t-tarag biex jaffronta lill-imputat, izda huwa jghid li ghamel dan ghaliex l-imputat waqaf fit-triq u kien qed jiggestikola. Imbaghad, l-imputat innifsu eskluda illi l-parti leza laqtu jew missu, talanqas qabel waqa' t-tarag, u qal biss illi huwa ghamel il-ponn biex jigi jaghti ghal fuqu.

***Qorti:*** *Jerfa idejħ kif, x' għamel ġej jagħmel il-ponn qed tgħid ?*
***Xhud:*** *Ehe ġej bil-ponn u ġej qisu għalija, jien hekk ħadtu dak il-ħin.*
***Qorti:*** *Fejn għamlu l-ponn imma mess miegħek ?*
***Xhud:*** *Le hu ġie jagħmel il-ponn hekk u ġej jagħti għal fuqi.*
***Qorti:*** *Ġie jagħti għal fuqhek u inti x' għamilt ?*
***Xhud:*** *Jiena lqajt b' idejja hekk.*
***Qorti:*** *Inti lqajt b' idejk fuq sidrek ?*
***Xhud****: Ilqajt s' intendi l-isfel għax hu kien qiegħed iżjed l-isfel minni ma kienx l-istess livell tiegħi, at a point kien hemm kuntatt u naf li dan ir-raġel waqa' mbagħad.*

Skont l-imputat, ghalhekk, huwa kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn il-parti leza kien qieghed javvicinah, joffendih u jiġġestikola b'idejħ fil-forma ta' ponn. Minn dan, ghalkemm jekk il-verzjoni tal-imputat ghandha tigi emmnuta, l-aggressjoni manifestata mill-parti leza setghet kienet ingusta, il-Qorti ma tirravvizax f'din l-aggressjoni xi perikolu gravi u attwali ghall-inkolumita` fizika tal-imputat. Kif rajna, l-elementi, fosthom il-gravita` u attwalita` tal-perikolu, u l-inevitabbilita` tal-azzjoni tal-imputat, jehtiegu li jigu ppruvati kumulattivament biex ir-rejazzjoni tal-imputat, f'dan il-kaz li imbotta lill-parti leza li kien iktar 'l isfel minnu fit-tarag, tista' titqies bhala gustifikata.

B'mod partikolari, mhuwiex attendibbli l-ipotesi li l-imputat, li dak il-hin kien jinsab f'posizzjoni superjuri fit-tarag relattivament ghall-parti leza, kien konvint li f'dawk ic-cirkostanzi kien qed jaffronta theddida ta' perikolu attwali ghaliex evidentement, il-perikolu ma kienx immanifesta ruhu b'mod hesrem ("*sudden*"). L-imputat, li qal li kien fit-triq ta' fuq meta l-parti leza hareg mill-vettura tieghu fit-triq ta' tahtu u beda tiela' t-tarag jiggestikola u joffendih, seta' facilment janticipa l-minaccja ta' perikolu izda minflok ra kif jevitah b'mezzi legittimi, nizel it-tarag biex jikkonfronta lill-parti leza jew fl-ahjar ipotesi baqa' fejn kien u spicca imbotta lill-parti leza.

F'kull kaz, il-Qorti tqis illi l-imputat seta' facilment jilqa' għal dak li haseb li kien rinfaċċjat bih minghajr il-htiega li jimbotta lill-istess parti leza bl-effetti manifestament prevedibbli li jikkonsegwu, u effettivament ikkonsegwew, minn azzjoni bhal dik, fic-cirkostanzi. Ghalhekk, ir-rejazzjoni tal-imputat meta imbotta lill-parti leza lura fit-tarag, ma tista' lanqas titqies li zvolgiet f'sitwazzjoni li kienet inevitabbli ghaliex certament, l-uzu ta' din il-forza ma kienetx l-uniku mod kif huwa seta' jevita l-minaccja ta' agressjoni li ppercepixxa dak il-hin.

Inoltre, kif stabbilit, ir-rekwizit tal-gravita` jesigi certa proporzjoni bejn il-gravita` tal-offiza u r-reazzjoni, u sabiex l-imputat ikun jista' jigi gustifikat ghal kollox fid-difisa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu kif effettivament ittenta jaghmel. Fil-kaz in dizamina, ir-rejazzjoni tal-imputat kienet manifestament sproporzjonata anke ghaliex jirrizulta illi ntuzat certu forza fl-imbottatura li b'rizultat taghha, il-parti leza mhux talli waqa' lura izda spicca waqa' t-tarag li jidher f'Dok. JC1 s'isfel nett, waqgha li setghet facilment kellha effetti ferm iktar gravi minn dawk li effettivament ikkonsegwu fil-kaz in dizamina.

Għalhekk l-iskuzanti tal-leġittima difesa qed tiġi riġettata.

Ikkunsidrat;

Billi, kif appena stabbilit, l-imputat ma kienx rinfaccjat b'sitwazzjoni inevitabbli ghaliex fic-cirkostanzi ta' kif zvolgiet il-kollutazzjoni, huwa seta' janticipa xi xejra ta' perikolu, ma jistax jitqies li huwa agixxa in legittima difesa izda jista' jigi ravvizat l-attenwanti tal-provokazzjoni, kif del resto gie invokat mid-difiza, ghad b'mod sussidjarju, waqt it-trattazzjoni.

L-attenwanti tal-provokazzjoni f'reat ta' offiza volontarja, huwa kontemplat mill-Artikolu 230 tal-Kap. 9, li jipprovdi:-

***230.*** *L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli –*

*…*

*(b) fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(ċ); ….*

L-Artikolu 227(c) tal-Kap. 9 jipprovdi illi l-omicidju volontarju[14] hu skuzabbli:-

"*… meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha;*

*sabiex l-akkużat jitqies li ma kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm il-ħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Imbaghad l-Artikolu 229 jipprovdi illi l-iskuża msemmija fl-artikolu 227(*ċ*), mhix ammissibbli:–

[14] B'applikazzjoni tal-Artikolu 230, dan japplika wkoll ghall-offiza volontarja.

*(ċ) jekk il-ħati jfittex il-provokazzjoni bħala pretest biex joqtol jew biex jagħmel ħsara gravi fuq il-persuna, inkella jfittex li joqtol jew li jagħmel ħsara gravi fuq il-persuna qabel ma kien hemm ebda provokazzjoni.*

Huwa pacifiku li, diversament mil-legittima difiza, il-beneficcju ta' dan l-attenwanti jinghata biss meta l-provokazzjoni, ossia l-att provokatorju, ikun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt. Skond il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun sufficjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tieghu. Il-kriterju ghalhekk huwa wiehed oggettiv: il-bniedem ta' temperament ordinarju.

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**, gie deciz:-

"*Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta ... il-gurista Francesco Antolisei in konnessjoni ma'l-attenwanti generali tal-provokazzjoni ighid hekk: "la situazione psicologica di cui trattasi ... deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l-attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"* (*Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg.394 -397).*"

Illi ghalhekk, jirrizulta li hemm zewg elementi li jsawru dan l-iskuzanti u cioe` fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Fil-kaz odjern, huwa inkontestat illi l-imputat kien qieghed fit-triq ta' fuq meta l-parti leza waqqaf il-vettura, hareg minnha u beda tiela' t-tarag fid-direzzjoni

tal-imputat. Il-fatt li l-imputat evidentement, ma nizilx it-tarag, talanqas mhux inizzjalment, izda kien evidentement il-parti leza li tela' ghalih, jikkonvinci lill-Qorti li l-istess parti leza ma harigx mill-vettura tieghu semplicement sabiex jara x'ried jghidlu l-imputat izda ried jikkonfrontah. S'hawnhekk, il-Qorti tqis illi l-azzjonijiet tal-parti leza jistghu jitqiesu li jikkostitwixxu provokazzjoni ingusta fil-konfront tal-imputat.

Fix-xhieda rispettiva taghhom, l-imputat u l-parti leza jaddebitaw lil xulxin l-istess komportament aggressiv billi jghidu li l-parti l-ohra ipprovokathom permezz ta' gesti b'idejhom forma ta' ponn u bi tghajjir. Minn dan, il-Qorti fehmet illi meta effettivament il-partijiet spiccaw ikkonfrontaw lil xulxin, u ghalhekk l-element tal-provokazzjoni manifestata qabel mill-parti leza, jista' jitqies li gie ftit jew wisq newtralizzat. Izda f'kull kaz, anke jekk id-dubju dwar jekk l-imputat agixxiex b'mod aggressiv fil-konfront tal-parti leza, imur favur l-istess imputat, il-Qorti trid xorta wahda tistabbilixxi jekk l-agir tal-parti leza fil-konfront tal-imputat, kif deskritt mill-istess imputat, kienx tali li seta' jiskaturixxi rejazzjoni ta' telf ta' kontroll f'bniedem ta' temperament ordinarju, manifestata f'dan il-kaz fl-imbottatura tal-parti leza lura fit-tarag.

Wara li fliet ix-xhieda u hasbet fit-tul, il-Qorti hija tal-fehma kunsidrata illi anke jekk ghal mument, wiehed kellu jemmen il-verzjoni tal-imputat illi l-parti leza tela' t-tarag kollu sal-ahhar zewg targiet biex jaffrontah, filwaqt li huwa baqa' dejjem fil-pjan ta' fuq tat-tarag, kif rajna l-parti leza kien dejjem f'livell iktar baxx mill-imputat, bit-tarag ghal isfel warajh. B'zieda ma' dan, l-imputat afferma illi huwa u tiela' t-tarag, il-parti leza beda jinsisti li ma kienx tajjru, u afferma wkoll li f'ebda mument ma laqtu izda **kull ma ghamel avvicinah b'idu forma ta' ponn b'mod li l-imputat jghid li hu haseb li kien gej ghalih**. Minn dan il-Qorti fehmet illi l-imputat ma kienx cert jekk fil-verita` l-parti leza kienx effettivament sejjer jaghmel ghalih u f'dawn ic-cirkostanzi, difficilment tista' tirravviza sitwazzjoni fejn bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll

b'mod li ma setax allura jqisx il-konsegwenzi ta' imbottatura ghal isfel b'tant forza li l-part leza tgerbeb it-tarag kollu li jidher f'Dok. JC1, s'isfel nett.

Il-Qorti ma tqisx li d-difiza rnexxielha tipprova, fuq bilanc ta' probabbilitajiet, illi l-agir tal-parti leza, anke jekk jista' jitqies bhala ingust, kien ta' karattru provokatorju tali li persuna b'temperament normali kienet titlef il-kontroll taghha nnifisha biex tirrejagixxi kif effettivament ghamel l-imputat fil-kaz odjern, **u biex ma tqisx l-effetti ta' din ir-rejazzjoni**, liema effetti kienu f'kull kaz facilment prevedibbli. Dan l-element manifest ta' prevedibbilita` jwassal lill-Qorti tikkonkludi illi l-agir tal-imputat kien wiehed deliberat anzicche` r-rizultat ta' provokazzjoni ingusta.

Ghaldaqstant, l-attenwanti tal-provokazzjoni ma tistax tigi applikata f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta illi l-parti leza, b'rizultat tal-waqgha, garrab ksur ossia frattura tas-seba' z-zghir ta' idu l-leminija[15], oltre ghal ugigh u nefha fl-ispalla tal-lemin u lezjoni fuq il-qasba ta' siequ l-leminija. M'huwiex kontestat illi l-griehi subiti fl-ispalla u fis-sieq huma ta' natura hafifa; il-*vexatio quaestio* tikkoncerna l-ksur fis-seba' z-zghir. Il-Qorti trid ghalhekk tistabbilixxi jekk din l-offiza ghandhiex titqies bhala offizi ta' natura gravissima a tenur tal-Artikolu 218, jew ta' natura gravi a tenur tal-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9, jew inkella bhala offiza ta' natura hafifa a tenur tal-Artikolu 221 tal-istess Kap. 9.

Illi kwantu ghall-fatt illi fin-nota tieghu tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali ma indikax specifikatament l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 li jipprospetta r-reat ta' offiza hafifa fuq il-persuna, huwa evidenti anke mid-definizzjoni tal-

[15] Deskritta bhala "*oblique fracture tal-fifth metacarpal bone tal-lemin.*" – fol. 145.

offiza ta' natura hafifa - li fl-istess Artikolu 221[16] hija mfissra bhala offiza li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi ta' offizi li huma klassifikati bhala gravi jew gravissimi - illi dan ir-reat huwa wiehed minuri li huwa kompriz fir-reati iktar gravi prospettati fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9.

Kif ritenut in propositu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Borg** moghtija fl-10 ta' Novembru 2005:-

*"Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att tal-akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha."*

Illi l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:-

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad...). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[17]

[16] 221(1) *L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa.*

[17] **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** – Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004.

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[18] fejn intqal illi:-

*"... **ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant** ... u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.* [enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirrizulta illi filwaqt li t-tabiba li ezaminat lill-vittma fl-Emergenza tal-Isptar Mater Dei fit-12 ta' April 2018[19] ikklassifikat l-offiza konsistenti fi ksur fis-seba' tal-id id il-leminija bhala wahda ta' natura gravi, l-espert ortopediku[20] imqabbad mill-Qorti sabiex jirrelata dwar il-permanenza ta' dawn l-offizi u n-natura taghhom, wasal ghall-konkluzjoni li l-griehi li garrab Carmel Grixti fl-incident tat-12 ta' April 2018 huma ta' natura hafifa ghaliex l-ghadma[21] tas-seba' z-zghir tfiq fi zmien tliet gimghat.

Id-difiza ssostni illi n-natura tal-griehi li gew subiti mill-parti leza ghandha tigi stabbilita unikament b'referenza ghall-konkluzjonijiet raggunti mill-espert ortopediku Mr. Fredrick Zammit Maempel. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tiehux konjizzjoni wkoll tal-konkluzjonijiet raggunti mill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri abbazi tal-ezami forensiku li huwa ghamel lill-parti leza. Huwa kkonkluda u xehed hekk quddiem il-Qorti:-

[18] Deciza fit-12 ta' Settembru 1996

[19] Dr. Marilyn Baldacchino, xhieda 27 ta' Marzu 2019.
[20] Mr. Frederick Zammit Maempel.
[21] L-ghadma metacarpal.

"*... frattura ta' l-għadam tieħu mill-anqas sitt ġimgħat biex tiħħielja ... din hija leżjoni kompatibbli ma blunt trauma u hija ċertament leżjoni ta' natura gravi per durata.*[22]

L-Artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9 jispeċifika li offiża hija gravi:-

"*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal* **tletin ġurnata** *jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu.*"

Jigi osservat illi l-espert ortopediku li eżamina il-parti leża Carmel Grixti fl-10 ta' Diċembru 2018, jiġifieri tmien xhur wara l-inċident in dizamina, ikkonsulta l-medical records tal-parti leza fejn jinsab rapportat illi Grixti kellu idejħ fil-ġibs għal tlett ġimgħat wara li seħħ l-inċident u wara li tneħħielu l-ġibs, kompla bil-kura f' subgħajh peress li kien jirrikjedi *neighbour strapping for two (2) weeks more*[23]. Dan ifisser illi min-notamenti ta' l-isptar stess, il-parti leza dam jieħu kura – ġibs u faxxa - għal perjodu ta' ħames ġimgħat, liema perijodu jeccedi tletin gurnata.

Maghdud dan il-fatt illi mir-rapport li sar b'rabta mal-X-ray li ttiehed fit-22 ta' Mejju 2018, jirrizulta illi *callous formation* kien ghadu vizibbli fuq l-ghadma li garrbet ksur[24]. Fir-rigward, l-espert medico-legali xehed hekk:-

"*Il-callous formation ifforma sitt gimghat wara f'dak l-X ray li kien hemm il-frattura ta' dan l-incident ... frattura ma tihhieljax fi tliet gimghat.*"[25]

L-istess espert ortopediku kkonkluda wkoll illi kawża tal-inċident, il-parti leza:-

"*… jiġbed dan is-seba dritt forsi b' nuqqas ta' ftit gradi. Dan in-nuqqas minimu m' għandux effett fuq il-funzjoni ta' l-id, u wisq probabbli ma jibqax bl-użu u mogħdija taż-żmien*"[26].

[22] Relazzjoni Dr. Mario Scerri a fol 147
[23] A fol 64
[24] Fol. 160, formanti parti mir-rapport Dok. MS1.
[25] Fol. 141, xhieda tat-18 ta' Settembru 2019.
[26] Sottolinear tal-Qorti.

Din il-kostatazzjoni da parti tal-espert ortopediku giet konfermata mill-espert medico-legali li xehed hekk:-

"*Sa meta ezaminajtu, il-hyper extension tas-seba' mhux komplet u ghadu jilmenta minn ugiegh f'subajgh*".[27]

Dan kollu ma jħalli l-ebda dubbju f'moħħ il-Qorti li apparti l-fatt li l-parti leza dam talanqas ħames ġimgħat jiġi mdewwi (ġibs u faxxa), sa hmistax-il xahar wara l-akkadut kien għadu ma jiddrittax subgħajh perfettament u kien, fi kliem l-espert ortopediku, jonqsu xi xhur biex dan in-nuqqas riskontrat jiġi rimedjat. Ghall-Qorti dan ifisser illi l-offiza kienet għadha ma fieqitx kompletament sad-data ta' l-eżami ortopediku u lanqas sad-data tal-ezami forensiku.

Minn dan jikkonsegwi necessarjament illi ma jirrizultax li l-frattura fis-seba' z-zghir ikkaguna mankament ghall-fini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9, jew "*ikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem*" ghall-fini tal-Artikolu 216(1)(a)(ii), jew *"gab difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem"* jew seta' jgib perikolu ta' tali debulizza u/jew difett, kif rikjest ghall-finijiet tal-isfregju permanenti kontemplat mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9.

Madanakollu, huwa risaput illi l-permanenza o meno tal-offiza ma huwiex fattur essenzjali ghall-finijiet tal-isfregju kontemplat mill-Artikolu 216 tal-Kap. 9. Dan gie pjenament konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana** deciza fil-5 ta' Frar 1998 fejn gie ritenut:-

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-*

[27] Fol. 138.

*disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc.* ***Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali.*** *"* [enfasi ta' din il-Qorti]

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**, deciz fit-2 ta' Settembru 1999:-

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess u kkunsidrat, hija l-fehma tal-Qorti li l-ġrieħi kkaġunati lill-parti leża Carmel Grixti fit-12 ta' April 2018 bhala rizultat tal-aggressjoni ezercitata fil-konfront tieghu mill-imputat, huma offizi ta' natura gravi fit-termini ta' l-Artikolu 216(1)(b) u (d) tal-Kap. B'zieda mal-premess, jirrizulta wkoll l-aggravanti a tenur tal-Artikolu 222A tal-Kap. 9 ghaliex gie ppruvat illi Carmel Grixti huwa wkoll persuna anzjana ta' l fuq minn sittin sena[28]. Għaldaqstant, il-Qorti hija marbuta illi tapplika z-zieda mandatorja fil-piena hemm prospettata meta tiġi biex tikkalibra l-piena, b'dan illi **l-piena minima hija ta' prigunerija ghal zmien tmintax-il xahar**.

Ikkunsidrat;

[28] Certifikat tat-twelid ta' Carmel Grixti – Dok. RM3. Twieled fit-8 ta' Ottubru 1955.

Illi l-Avukat Generali indika, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9 kwantu ghat-tieni imputazzjoni li biha l-imputat huwa mixli li ingurja, hedded b'mod mhux imsemmi banda'ohra f'dan il-kodici jew jekk ipprovoka, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni, lil Carmel Grixti.

Ghalkemm dan ma giex sollevat mid-difiza, huwa ovvju li dan ir-reat huwa wiehed ta' natura kontravvenzjonali, li jfisser illi l-azzjoni kriminali hija preskritta, skont l-Artikolu 688(f) tal-Kap. 9, bid-dekors ta' tlett xhur. Fil-kaz in dizamina, jirrizulta illi filwaqt li r-reat addebitat lill-imputat sehh fit-12 ta' April 2018, huwa tressaq quddiem il-qorti mixli b'din il-kontravvenzjoni ferm wara d-dekors ta' tliet xhur[29]. B'zieda ma' dan, il-kompilazzjoni kontra l-imputat mhux talli bdiet tinstema' formalment fit-22 ta' Novembru 2018[30], talli fis-27 ta' Marzu 2019 il-kompilazzjoni regghet bdiet mill-gdid wara illi gewipprezentati akkuzi godda b'sostituzzjoni ta' dawk li gie mixli bihom l-imputat bic-Citazzjoni tal-25 ta' Settembru 2018[31].

Ghaldaqstant, a tenur tal-Artikolu 694 tal-Kap. 9, il-Qorti qieghda *ex officio* tqis illi l-procediment kwantu r-reat taht l-Artikolu 339(e) tal-Kap. 9, waqghet bi preskrizzjoni.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li l-azzjoni kriminali kwantu t-tieni imputazzjoni, waqghet bi preskrizzjoni u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha, wara li rat l-Artikoli 31, 216(1)(b)(d) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat JONATHAN CAMILLERI ħati ta' l-ewwel imputazzjoni u tikkundannah tmintax (18)-il xahar prigunerija, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A**

[29] Vide citazzjoni fol. 1.
[30] Fol. 13.
[31] Vide Dok. RA fol 97, u fol. 86 *et seq*.

**tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn (2) mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' ħames mija u erbgħa u sebgħin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€ 574.20)**[32].

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Carmel Grixti, il-Qorti qieghda torbot lill-hati, cioe` lil JONATHAN CAMILLERI b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' mitejn Ewro (€200) li ma jimmolestax lill-istess Carmel Grixti, u dan ghal zmien tnax (12)-il xahar mil-lum.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

[32] Dr. Fredrick Zammit Maempel € 305 (a fol 65) Dr Mario Scerri € 269.20 (fol 163)